Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,642, 11 ta' Ġunju, 2021

Taqsima B

A.L. 243 tal-2021

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2021 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) (Tourism Studies) – B.A. (Hons) (Tourism Studies) – taħt il-patroċinju tal-Istitut għat-Turiżmu, l-Ivvjaġġar u l-Kultura

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut għat-Turiżmu, l-Ivvjaġġar u l-Kultura bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 6 (b) (v) tal-Istatut għall-Istitut u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jisssejħu bħala l-Ordinamenti tal-2021 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) (Tourism Studies) – B.A. (Hons) (Tourism Studies) – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) (Tourism Studies) – B.A. (Hons) (Tourism Studies) – taħt il-patroċinju tal-Istitut għat-Turiżmu, l-Ivvjaġġar u l-Kultura, ippubblikati bħala Avviż Legali 208 tal-2010, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. (i) L-ordinamenti 3, 5, 6 u 7 għandhom japplikaw mill-15 ta' Mejju, 2021 'il quddiem.

(ii) L-ordinament 4 ta' dawn l-ordinamenti għandu japplika għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2021 jew wara.

L-Emenda għal-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istitut għat-Turiżmu, l-Ivvjaġġar u l-Kultura;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Tourism Studies;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) (Tourism Studies) - B.A. (Hons) (Tourism Studies);

"il-Higher Diploma" tfisser il-Higher Diploma in Tourism Studies;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) (Tourism Studies) - B.A. (Hons) (Tourism Studies); u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2019.

L-Emenda għal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) L-applikanti li għandhom kwalifika klassifikata fil-livell 5 tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki li tinkludi mhux anqas minn 60 krettu ECTS, f'qasam ta' studju relatat mal-Hospitality Management jew mat-Tourism Studies, jistgħu jidħlu fit-Tieni Sena tal-Kors taħt dawk il-kundizzjonijiet li l-Bord jista' jimponi."

L-Emenda għal-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"5. (1) Il-Kors għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom għandu jkun hemm assenjati 180 krettu."

6. Il-paragrafi (3) u (4) li ġejjin għandhom jidħlu wara l-paragrafu (2) tal-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali:

"(3) L-istudenti li jtemmu b'suċċess sett preskritt ta' taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 60 krettu ECTS u li jew jagħżlu li ma jkomplux il-Kors jew, wara li komplew, ma jtemmux il-Kors b'suċċess ikunu eliġibbli għall-għoti tad-Diploma.

(4) L-istudenti li jtemmu b'suċċess sett preskritt ta' taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 120 krettu ECTS u li jew jagħżlu li ma jkomplux il-Kors jew, wara li komplew, ma jtemmux il-Kors b'suċċess ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Higher Diploma."

L-Emenda għal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali

7. Minflok l-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

6. (1) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-Grad segwita fuq bażi *full-time* għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fit-tlett snin tal-Kors, li jkollhom dan il-piż:

Marka Medja tal-Ewwel Sena	15%
Marka Medja tat-Tieni Sena	20%
Marka Medja tat-Tielet Sena	65%.

(2) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-Grad segwita fuq bażi *part-time* għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-ħames snin tal-Kors, li jkollhom dan il-piż:

Marka Medja tal-Ewwel Sena	10%
Marka Medja tat-Tieni Sena	15%
Marka Medja tat-Tielet Sena	20%.
Marka Medja tar-Raba' Sena	25%.
Marka Medja tal-Ħames Sena	30%.

(3) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Higher Diploma u tad-Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs."